# OLAF MCKAY - FLIMKIEN, GĦALL-BELT LI TIXRAQLEK

Kandidat ġdid għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali - Belt Valletta - Partit Laburista



*Jekk nistaqsik min hu Olaf Mckay, xi tkun ir-risposta tiegħek?*

Ngħidlek li Olaf Mckay huwa Belti ta' 45 sena. Miżżewweġ lil Lydia u flimkien għandna żewġt itfal Keane u Kyle. Naħdem bħala Kap tal-Esplora, ilni f'dawn l-irwol kwazi sena issa. Nikkunsidra ruħi bħala raġel ħabrieki, naħdem qatigħ f'kull kariga li niġi assenjat. Bħala delizzji nħobb insiefer mal-familjari tiegħi, d-dinja tat-teknoloġija u nsegwi xi logħba futbol.

*X'ħajrek biex tidħol fid-dinja tal-politika?*

Ilni naħdem fis-servizz pubbliku għal dawn l-aħħar tmien snin. L-irwol fil-kunsill bl-abbilità li jservi u jaqdi lir-residenti biex il-kwalità tal-ħajja tagħhom tmur għall-aħjar, jolqotni ħafna. Nemmen li tul il-karriera tiegħi tgħallimt kif nisma' u nkun il-leħen ta' dawk involuti filwaqt li nwettaq b'effiċjenza proġetti varji għall-ġid komuni. Għalhekk ħassejt li għandi nikkontesta l-elezzjoni għall-Kunsilli Lokali biex jekk ningħata l-fiduċja, nkun il-vuċi tal-Beltin għall-Belt iktar magħquda u b'saħħitha. Għaliex fejn hemm l-għaqda, hemm is-saħħa.

*X'kienu l-ikbar kisbiet tal-karriera tiegħek fis-settur pubbliku?*

Ftit tas-snin ilu kelli x-xorti naħdem mill-qrib għall-akbar avveniment li qat rat il-Belt Valletta, il-Valletta 18, flimkien mat-tim li kont inservi fih ħdimna qatigħ biex tajna lil din il-Belt meraviljuża r-rikonoxximent li tant jixirqielha.

Kont parti wkoll mit-tim li ħadem fuq il-konsultazzjoni pubblika fejn tidhol l-indafa, li permezz tagħha rnexxielna noħolqu sistema effiċjenti u prattika. Smajna u tkellimna mar-residenti u s-sidien tan-negozji fil-Belt Valletta dwar tibdil fl-Att dwar skart fil-Belt Valletta, b'ħidma mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni, propju fiż-żmien li l-Belt Valletta kienet se tkun qed tiġi nkurunata l-Belt kapitali Ewropeja. Belt kapitali ekonomikament vibranti, soċjali kif ukoll kulturali. Ħdimna flimkien, id f'id, magħqudin u wasalna. Hekk jiġri meta ningħaqdu għal għan wieħed, flimkien.

Is-settur pubbliku dejjem ressaqni aktar viċin in-nies. Dejjem ħdimna biex inmexxu 'l quddiem proġetti fl-aqwa interessi tar-residenti u tal-komunità.

*X'inhuma l-pilastri ewlenija tal-politika li tixtieq twassal lir-residenti Beltin?*

Jekk ikollna l-fiduċja tar-residenti, flimkien ma' sħabi t-tim tal-Partit Laburista se nwasslu l-aħjar interessi tagħkom u ta' din il-belt li tant inħobbu. Nemmen li biex inwasslu l-Belt Valletta għas-suċċess li jistħoqqilha għandna niffukaw fuq ħames pilastri;

L-Anzjani huma l-qalb tas-soċjetà tagħna għalhekk nixtieq nara aktar parteċipazzjoni attiva. Inkomplu fuq it-tajjeb li sar, invaraw proġetti aktar viċin in-nies, viċin il-komunità. Se nkunu hemm għall-anzjani tagħna, ngħożżuhom u flimkien jibqgħu jgħixu f' komunità b'saħħitha, vivaċi u nkunu ta' wens.

Iż-Żgħażagħ se jkunu fiċ-ċentru tal-vjaġġ politiku tiegħi. Flimkien nistgħu noħolqu aktar opportunitajiet, insaħħu l-għaqdiet u nagħtu vuċi b'saħħitha lura liżżgħażagħ tagħna. Lest li nisma', u nkun viċin tagħkom.

Hawnhekk qed nindirizza wkoll lil dawk iżżgħażagħ li se jkunu qed jivvutaw għall-ewwel darba, jien magħkom, ejjew flimkien inwasslu l-vuċi tagħkom 'l quddiem. Il-Partit Laburista kien minn tal-ewwel li emmen fiż-żgħażagħ u l-kapaċitajiet tagħhom, għaliex kull darba li ż-żgħażagħ ġew fdati bl-aqwa responsabbiltajiet, ħidmiethom issarrfet f'riżultati eċċezzjonali.

Komunità fejn kull resident ikollu l-opportunità li jsemma' leħnu, s-suġġerimenti, l-ideat, l-ħsibijiet u l-ħolm tiegħu.

Iżda mhux biss, ir-residenti għandhom ikunu parti

> "Jekk ikollna l-fiduċja tar-residenti, flimkien ma' sħabi t-tim tal-Partit Laburista se nwasslu l-aħjar interessi tagħkom u ta' din il-belt li tant inħobbu."



Olaf Mckay mal-Prim Ministru Robert Abela

mill-viżjoni u mill-ippjanar tal-proġetti u l-attivitajiet fil-Belt Valletta. Komunità li nistgħu ngawdu magħqudin flimkien.

L-Ambjent - Jekk ningħata l-fiduċja, l-ambjent se jkun ta' prijorità ewlenija fil-ħidma tiegħi, ħidma lejn aktar spazji miftuħa u proġetti għall-familji tagħna. Biex ingawdu kwalità ta' ħajja aħjar.

L-Indafa tal-Belt Valletta hija essenzjali mhux biss għar-residenti tagħha iżda għal Malta kollha. Irridu nagħtu importanza lill-ambjent u l-indafa ta' madwarna, għalhekk nemmen li rridu nħarsu lejn l-aspett ħolistiku, lejn aktar sigurtà u infurzar fejn meħtieġ u fl-immedjat.

Irridu wkoll naslu għal bilanċ bejn dak kummerċjali u dak residenzjali, nifhem il-weġgħat tagħkom, nifhem il-karba u r- raġunijiet li qegħdin tressqu 'l quddiem biex jinstabu soluzzjonijiet tanġibbli li jixtiequ r-residenti u s-sidien tal-ħwienet.

Nemmen ħafna fil-bilanċ, tafu daqsi li l-Belt Valletta mingħajr il-kummerċ u l-Belt Valletta mingħajr ir-residenti ma tkunx il-belt kif nafuha, vivaċi u ħajja. Il-Bilanċ huwa l-aqwa ingredjent li għandna. Nemmen li kapaċi naħdmu flimkien biex indawwru l-isfidi f`opportunitajiet, hekk nagħmlu l-Beltin, naħdmu id f'id flimkien.

*Kif jirnexxilek issib bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja personali tiegħek?*

Din hija sfida diffiċli ħafna għaliex jien persuna li nħobb inkun involut direttament f'kull qasam li nkun parteċipi fih. Biss il-familja kienet u tibqa' fundamentali għalija, għalhekk nagħmel mezz kif inżomm ftit ħin kuljum biex fih niltaqgħu flimkien u anke nippjanaw xi attivitajiet jew safar.

Fortunatament għandi familja li tifhimni u tisapportjani, ta' dan grat ħafna.

*Nixtieqek tgħaddi l-aħħar messaġġ tiegħek lir-residenti Beltin*

Il-messaġġ tiegħi huwa wieħed, din mhijiex il-kampanja tiegħi, ta' dik jew tal-ieħor, din hija l-kampanja tagħna l-Beltin. Flimkien, magħqudin mhux biss inwettqu imma nwettqu bi kwalità. Dan huwa vjaġġ li rridu nagħmlu mingħajr kuluri u firda. M'hemmx lok għal aħna u huma, aħna lkoll Beltin, magħqudin għal viżjoni ġdida. Ejja naħdmu flimkien, għall-Belt Valletta li tixraqlek.



Flimkien mal-familja fuq vjaġġ barra minn Malta